DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 141517** **05.07.2014**

**AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI**

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (*Rapid Alert System for Food and Feed*), il-prodott hawn taħt imsemmi ma għandux jiġi kkunsmat minħabba l-possibiltà tal-preżenza elevata tal-mikrobu *Bacillus cereus.*

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-Prodott:** | **Ginger powder** |
| **Ditta:** | **TRS Asia's Finest Foods** |
| **Oriġini:** | **Indja** |
| **Użin:** | **100g** |
| **Deskrizzjoni tal-maħfen:** | **Maħfen tal-plastik** |
| **Data tad-durabilità minima:** | **31/03/2016** |
| **Numru tal-Lott:** | **P 140328** |




Il-Kumpaniji involuti ġew obbligati jirtiraw il-prodott mis-swieq, iżda peress li ġie rrapurtat li l-konsenja laħqet inbiegħet lill-konsumatur finali, bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-konsumaturi.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt.

Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.